**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Agħti **kliem ieħor** għall-kliem li huwa fil-**grassett** skont is-silta t'hawn taħt: (4)

L-istorja tal-krejnijiet li **invadew** lil pajjiżna bħal dinosawri tal-azzar bit-**tir** uniku li jkomplu **jċekknu** din il-gżira aktar milli diġà hi jaf biha kulħadd. Sirt ma tistax tħares 'il fuq u **tiskansa** d-dehra tagħhom. (silta minn paragrafu 1)

Liema kelma jew frażi minn **paragrafu 2** għandha din it-tifsira:

a. jitpaxxew;
b. ma jagħtix kas. (2)

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) Waqt serqa minn fergħa ta' bank lokali fejn kont, spiċċajt maqbud/a ostaġġ. Il-pulizija qed jitolbuk tikteb rapport biex tirrakkonta l-fatti kif ġraw.

*Jew*

b) Waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tar-raħal, inqalgħu xi problemi. Ikteb rapport dwar dak li ġara.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra ta' 80 kelma.

a) Konxju mill-fatt li teżisti ċertu telqa fir-raħal ta' Ħal Bużbież. Ikteb ittra lis-Sindku u fiha agħti s-suġġerimenti tiegħek dwar kif taħseb li r-raħal jista' jkun aħjar.
**Fl-ittra uża BISS id-dettalji**:
Ismek: Toninu/Tonina Vella; l-indirizz tiegħek: 7, Triq il-Għaqda, Ħal Bużbież, BŻB 2143;
L-indirizz tal-Kunsill Lokali: 24, Triq il-Paċi, Ħal Bużbież, BŻB 1860.

jew

b) Ikteb ittra lill-Kap tat-taqsima programmi mużikali ta' stazzjon tar-radju lokali biex turi l-apprezzament tiegħek għal programm partikolari li jogħġbok u fiha spjega għaliex jogħġbok daqstant.
**Fl-ittra uża BISS id-dettalji**:
Ismek: Toninu/Tonina Vella; l-indirizz tiegħek: 7, Triq il-Għaqda, Ħal Qormi, QRM 2143;
L-indirizz tal-istazzjon: 24, Triq il-Paċi, Ħal Qormi, QRM 1860.

**TMIEM IL-KARTA**



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# April 2023

**Suġġett:** **Malti**

**Ħin:** **Siegħa u tletin minuta**

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwieġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) L-effetti tat-turiżmu fuq pajjiżna.

*jew*

b) Il-midja soċjali ngħaddu mingħajrha?

**Taqsima 2: Fehim it-Test** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Logħba Monopoly**

L-istorja tal-krejnijiet li invadew lil pajjiżna bħal dinosawri tal-azzar bit-tir uniku li jkomplu jċekknu din il-gżira aktar milli diġà hi jaf biha kulħadd. Sirt ma tistax tħares 'il fuq u tiskansa d-dehra tagħhom. Uħud qegħdin jippruvaw ibellgħulna r-ross bil-labra billi jargumentawlna li l-kostruzzjoni hija sinjal ċar tal-mewġa kbira ta' progress li resqet fuqna, mewġa li minflok inwarrbulha għandna, għall-kuntrarju, nirkbu fuqha ħa nogħlew 'il fuq.

Din l-istorja tal-krejnijiet hija storja li tixhed egoiżmu kbir, mhux biss għax min għandu qiegħed iħawwel kif u fejn jiftillu, imma għax min qiegħed iħawwel qiegħed jiġi jaqa' u jqum minn dawk li għad iridu jiġu warajh: pereżempju dawk it-tfal li mhux se jkollhom fejn jiġru, jew dawk il-ħaddiema li mhux se jkollhom fejn jistrieħu, jew dawk it-turisti li mhux se jkollhom lejn xiex iħarsu u jistagħġbu.

In-nuqqas ta' konsiderazzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri jitwaħħad man-nuqqas ta' rispett lejn il-ġenerazzjonijiet ta' qabel. Kull kantuniera li tellgħu missirijietna u ommijietna għandha parti mill-istorja tagħna. Kull gorboġ, kull mezzanin, kull villa tnaqqax iskrizzjoni fil-volum storiku. Imqar dawk il-binjiet umli, mingħajr referenza fil-kotba li kitbu l-istoriċi, għandhom valur; jekk xejn il-valur taż-żmien u tal-karattru li kkontribwew għalih.

L-argument irid jiġi estiż lil hinn mill-estetika, l-istorja, l-ambjent u l-pajsaġġ. Għax id-deni li qiegħed isir – u din ftit qegħdin nifhmuha – mhuwiex sempliċiment wieħed estetiku u lanqas ma hu biss ambjentali. Ħafna agħar minn hekk, huwa deni li qiegħed jaffettwa s-saħħa fiżika u mentali tagħna għax sirna qisna dud magħluq ġo kaxxa żgħira.

Il-pultruni u l-umbrelel imissu l-ilma fil-bajjiet f'Kemmuna u nħawi oħra, huma wkoll strumenti ta' soffokazzjoni bħall-konkrit li l-krejnijiet qegħdin itellgħu ma' kullimkien. Huwa faċli li nippuntaw subgħajna lejn dawk li nsejħulhom żviluppaturi u nikkundannawhom għall-mod kif qegħdin jużurpaw l-art u jisparixxu lil pajjiżna. Imma hemm isqra oħrajn, li wkoll ittieħdu mill-marda tal-ħtif u dan mhuwiex xi fenomenu riċenti. Pereżempju l-griebeġ imsejħa boat houses, jew inkella l-karovani fil-Mistra, u l-kampijiet tax-xoqqa li ħadu x-xoqqa f'moxtha malli tneħħew il-pultruni minn fuq ir-ramliet mhumiex xogħol l-iżviluppaturi imma l-ħtif tal-ispazju min-nies komuni. Dan kollu huwa sinjal ta' marda kerha ħafna li xi darba kienet taqbad lil klassi partikolari imma l-virus issa nfirex tant li saret tmarrad lil kulħadd. Ħafna jemmnu li l-art qiegħda hemm għalihom. U hekk hu fil-fatt: qiegħda hemm għalihom imma anki għall-oħrajn. Il-veduti għandhom jitgawdew minn kulħadd; ir-ramel u l-blat huma ta' kulħadd, u l-baħar u l-għelieqi huma ta' kulħadd.

Fl-2008 ġiet ippubblikata l-verżjoni uffiċjali Maltija tal-logħba klassika Monopoly. Għal €120 tista' tixtri Marsaxlokk, għal €100 biss Wied il-Għajn kollu kemm hu. Anki x-xtut u l-portijiet tista' tixtri. U mbagħad tista' tibni fuqhom ladarba saru proprjetà tiegħek: djar żgħar ħodor jew lukandi kbar ħomor. Mhux neċessarju li jkollok permess għall-bini, l-aqwa li tħallas. Iktar ma tibni, ikbar ikun il-progress li tagħmel għax tibda tiġbor il-flus minn fuq dahar sħabek u tibqa' tistagħna sakemm tfallihom u tirbaħ il-logħba. Forsi ftit jafu li oriġinarjament, Monopoly kienet tintlagħab mod ieħor u li l-ħsieb ta' Elizabeth Magie, li vvintat il-logħba fl-1904, kien li tintwera l-kruha tal-kapitaliżmu u l-ħniżrija li fuqha tistrieħ din l-ideoloġija u sistema. Sfortunatament, meta eventwalment il-logħba nsterqet minn ħaddieħor, żviluppat kif nafuha llum: rifless ikrah imma veru ta' dak li jiġri b'dannu kbir għal ħajjitna.

*Addattament ta' artiklu ta' Immanuel Mifsud mill-gazzetta Illum tas-6 t'Awwissu 2017.*

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Skont is-silta, ħafna jargumentaw li l-kostruzzjoni hija:
   a. sinjal ċar ta' progress.
   b. sinjal ċar ta' ħafna flus.
   ċ. sinjal ċar ta' neċessità. (2)

2. Id-deni li qed isir permezz tal-bini, qed jaffettwa wkoll:
   a. is-saħħa mentali u l-faqar.
   b. is-saħħa fiżika u mentali.
   ċ. is-saħħa fiżika u x-xogħol. (2)

3. B'liema mod Kemmuna qiegħda tiġi soffokata? (2)
4. Ħafna jemmnu li l-art qiegħda hemm għalihom. Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex? (2)
5. Mis-silta semmi **TLIET** modi ta' kif il-poplu Malti qed jagħmel l-art tiegħu. (3)
6. Semmi **ŻEWĠ** nuqqasijiet li l-poplu wera u qed juri lejn il-ġenerazzjonijiet futuri? (2)
7. B'liema mod il-kittieb tal-artiklu waħħad il-logħba *Monopoly* mal-mod kif l-iżviluppaturi qed jistagħnew mill-bini? (2)
8. Immaġina li inti membru fil-bord tal-iżvilupp. X'parir tgħaddi sabiex jitħares l-ambjent? (2)
9. X'taħseb li kien l-iskop li għalih inkiteb dan l-artiklu? (2)